**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 288/16 AL

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) , hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Pubbliku Dr. Maria Briffa LL.D., mit-tlieta u ghoxrin (23) ta'

Novembru tas-sena elfejn u ghaxra.(2010), kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C'.

Illi fil-kuntratt riferit, jidher li l-partijiet ilhom separati minn Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghaldaqstant ilhom separati ghal aktar minn erba' snin.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom il-fuq minn hames snin mifrudin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li ma hemmx tfal u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, principalment il-klawsola numru 4.

Illi skond il-klawsola numru I(a) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, id-dar matrimonjali inzammet mir-ragel u li dan hallas lill-mara s-somma ta' erbgha u tletin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€34,625), liema somma tirrappreaprezenza nofs il-valur ta' l-imsemmija proprjeta'.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex , prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta necessarji u opportuni :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn Novembru tas-sena 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.